**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 65/2020 RM**

**Reverendu Monsinjur Dottor Joseph Vella Gauci**

**-Vs-**

**Pierre Gaffiero**

**Illum, 2 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mir-Reverendu Monsinjur Dr. Joseph Vella Gauci fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta Mejju 2020 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut prevja dikjarazzjoni li l-kontenut tal-pubblikazzjoni maghmul fuq is-sit elettroniku www.twitter.com/gaffieropierre fl-10 ta' Marzu 2020, 13 ta' Marzu 2020, 13 ta' Marzu 2020, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa, u mmarkata Dok A, jikkostitwixxi malafama stante li l-komunkazzjoni ta' kliem fuq l-istess sit elettroniku jaghmlu hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna tal-attur u tinkludi l-libell u l-ingurja a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas dik is-somma likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-istess Kapitolu.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Frar 2021 fejn ordnat it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista a tenur tal-Artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu 2021 fejn laqgħet it-talba tal-attur u riappuntat il-kawża għas-smigħ;

Rat illi minkejja li waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021, il-konvenut, wara li ġie debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża permezz tal-proċedura maħsuba fl-Artiklu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħata terminu ta' għaxart ijiem biex jippreżenta risposta għar-Rikors promotur;

Rat illi minkejja li ngħata dan it-terminu, il-konvenut baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta fl-atti tal-kawża u baqa' ressaq l-ebda provi f'din il-kawża nonostante li ngħata debita opportunita' biex jagħmel dan;

Rat l-Affidavit tal-attur ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2021;

Semghet ix-xhieda tal-istess attur;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti ;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukat tal-attur fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm l-ebda impediment sabiex tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza llum stess;

Ikkunsidrat ;

Din hija azzjoni ta' libell istitwita taħt id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ["l-Att"][1].

Il-pubblikazzjonijiet impunjati f'din l-azzjoni huma dawk li ttellgħu fuq is-sit elettroniku www.twitter.com/gaffieropierre fl-10 ta' Marzu 2020[2] u fit-13 ta' Marzu 2020, taħt l-isem « *Korpusveritas @GaffieroPierre* ». Mid-diversi stqarrijiet li ġew ippubblikati mill-konvenut bejn it-8 ta' Marzu 2020 u t-13 ta' Marzu 2020, esebiti fl-atti, l-attur fix-xhieda tiegħu identifika speċifikatament is-segwenti pubblikazzjonijiet bħala malafamanti fil-konfront tiegħu :-

« *Children in Gozo being abused and the priest and police turn there* (*sic.* their) *backs all this abuse.*"[3]

"*Children in Gozo being sexually abused. Reports to the police are ignored. The head of APPOGG care centre in Gozo also ignore these serious reports.*"[4]

"*This is not a priest!! We approached this priest to save children from being abused and you know what? He did nothing!! This priest represents the child care centre APPOGG as the head in Gozo. Who do you think he is covering*"[5]

Iż-żewġ pubblikazzjonijiet tal-aħħar kienu entrambi akkumpanjati minn ritratt tal-attur.

---

[1] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Kuntrarjament għal dak li ġie premess fir-Rikors promotur, il-Qorti ma identifikat l-ebda post imtella' mill-konvenut fl-10 ta' Marzu 2020 fost il-pubblikazzjonijiet esebiti fl-atti tal-kawża.
[3] Imtella' fit-13 ta' Marzu 2020 – fol. 3.
[4] Imtella' fit-13 ta' Marzu 2020 – fol. 4.
[5] Imtella' fit-13 ta' Marzu 2020 - fol. 5.

L-attur xehed li huwa saċerdot u fiż-żmien li saru l-pubblikazzjonijiet impunjati, kien jokkupa wkoll il-kariga ta' ambaxxatur ta' Malta għal UNESCO kif ukoll ta' Direttur responsabbli għal Child Protection Services fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ f'Għawdex. Isostni li dawn il-pubblikazzjonijiet jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu għaliex jingħata x'jifhem li huwa implikat ma' xi ħadd li huwa ħati ta' abbuż inkluż abbuż sesswali fuq tfal minuri u li qed jgħattilu.

Mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi l-konvenut kien mar ikellmu fl-uffiċju tiegħu ġewwa Għawdex fis-6 ta' Marzu 2020 dwar abbuż li allega li kien qed jiġi mwettaq fuq żewġt it-tfal minuri li jgħixu Għawdex man-nanniet paterni tagħhom. L-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut u miż-żewġ persuni l-oħra li akkumpanjawh waqt il-laqgħa mal-attur, kienu jikkonċernaw trattament ħażin ta' dawn it-tfal minuri min-nanniet paterni kif ukoll abbuż sesswali. Fl-istess laqgħa ġiet ikkritikata wkoll il-ko-ordinatur tal-Child Protection Services u ħaddiema soċjali li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-attur bħala Direttur.

L-attur sostna illi la l-konvenut u lanqas iż-żewġ persuni l-oħra li akkumpanjawh għal-laqgħa ma kellhom l-ebda konnessjoni legali ma' omm dawn it-tfal minuri, ma' żewġha jew mat-tfal minuri nfushom u għalhekk, waqt din il-laqgħa hu kien qagħad attent ħafna biex ma jikxifx tagħrif kunfidenzjali u privat dwar dan il-każ. Xehed ukoll li huwa kien diġa' jaf b'dan il-każ qabel kien mar għandu l-konvenut biex ikellmu dwar l-allegazzjonijiet tal-abbuż u kkonferma illi meta kien ġie infurmat inizzjalment dwar dan il-każ, huwa kien minnufih ħa azzjoni biex jinvestiga l-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tal-ħaddiema soċjali in konnessjoni ma' dan l-abbuż u talabhom jissottomettu stqarrijiet u rapporti fir-rigward. Din l-azzjoni kienet ittieħdet ukoll saħansitra qabel l-attur ġie kuntattjat mill-konvenut kif ukoll in segwitu għal-laqgħa tas-6 ta' Marzu 2020. Mill-investigazzjoni li l-attur kien ikkonduċa fir-rigward, kien irriżultalu li l-allegazzjonijiet dwar l-abbuż fuq iż-żewġt itfal minuri, kienu infondati.

L-attur xehed ukoll li in segwitu għal-laqgħa li saret fis-6 ta' Marzu 2020, il-konvenut ċempillu fejn uża lingwaġġ pastaż u indirizzah b'mod dispreġġjattiv qabel qatagħlu mingħajr ma tah opportunita' biex jispjega ruħu dwar l-azzjoni li kien ħa dwar il-każ. L-attur imbagħad ġie infurmat minn kollegi sħabu li jaħdmu fil-qasam soċjali f'Għawdex li l-konvenut kien qed jippubblika posts dwar l-allegazzjonijiet li kien mar ikellmu dwarhom, fejn semmih b'mod dirett.

Xehed ukoll illi għalkemm il-konvenut qatt ma reġa' għamel kuntatt miegħu b'mod dirett, kien avviċinah is-Sur Reno Grech mill-Kurja tal-Isqof t'Għawdex u sussegwentement kien avviċinah ukoll il-Vikarju Ġenerali, it-tnejn fuq talba tal-konvenut, biex huwa jaħfirlu.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li n-nanniet paterni taż-żewġt ulied minuri in kwistjoni kellhom il-kura u kustodja provviżorja tal-minuri matul il-pendenza ta' proċeduri ta' separazzjoni bejn il-ġenituri. Omm il-minuri, ċertu Marinella Micallef Mazza, kienet teżerċita aċċess għal uliedha taħt superviżjoni tal-ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ.

Il-Qorti rat ir-rapporti u stqarrijiet tal-ħaddiema soċjali involuti fil-każ - esebiti fl-atti - u fehmet li jeżisti sfond ta' antagoniżmu assolut bejn l-omm, Marinella Micallef Mazza, fuq naħa waħda u l-missier u n-nanniet paterni fuq in-naħa l-oħra, liema antagoniżmu jidher li ssarraf f'nuqqas ta' ko-operazzjoni u t-tqanqil kontinwu ta' intoppi dwar il-ġranet tal-eżerċizzju tal-aċċess tal-omm, kif ukoll sensiela ta' rapporti lill-Pulizija fir-rigward. Jirriżulta wkoll mill-istqarrijiet tal-ħaddiema soċjali, ukoll esebiti fl-atti, li l-konvenut huwa s-sieħeb ta' Marinela Micallef Mazza u ta' spiss kien jakkumpanjaha għal-laqgħat fejn kienet teżerċita l-aċċess taħt superviżjoni għal uliedha, għalkemm kien ikun avżat mill-ħaddiema soċjali li ma setax ikun preżenti. Jidher ukoll li kien hemm okkażjonijiet fejn il-konvenut kien jipprova jinterferixxi mal-ħaddiema soċjali fit-twettiq ta' dmirijiethom u anke twaqqaf milli jiġbed filmati waqt dawn il-laqgħat bejn l-omm u uliedha u okkażjonijiet oħra fejn kien iċempel lill-

Aġenzija jgħajjat u jhedded lill-ħaddiema soċjali dwar l-eżerċizzju tal-aċċess tal-omm għal uliedha.

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz hu evidenti minn qari ħafif tal-pubblikazzjonijiet fuq riprodotti, li l-persuna li qed issir referenza għaliha fil-pubblikazzjonijiet impunjati mill-attur, m'huwa ħadd ħlief l-attur: l-attur xehed illi huwa mhux biss sarċerdot iżda huwa wkoll responsabbli mid-Direttorat tal-Child Protection Services fi ħdan l-FSWS ġewwa Għawdex, kif ukoll l-Ambaxxatur ta' Malta lil Unesco, liema karigi tiegħu lkoll saret referenza għalihom mill-konvenut fl-istqarrijiet li huwa ppubblika fuq Twitter. Iżda biex jiġi eliminat kull dubju li l-istqarrijiet impunjati ma jirreferu għal ħadd ħlief l-attur, il-konvenut ippubblika wkoll, b'mod ripetut, ritratti tal-attur, liema ritratti jakkumpanjaw u jifformaw parti minn uħud mid-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenut dwar l-istess materja, tnejn minnhom impunjati mill-attur f'din il-kawża.

Stabbilit li l-attur huwa kjarament identifikat fil-pubblikazzjonijiet impunjati, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja ghar-reputazzjoni, stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att) huwiex sodisfatt fil-każ partikolari. Dan l-Artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Dwar il-prova tal-hsara ghar-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-

*"Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause*

*others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*"[6]

Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama.

Skont il-Gatley:-

"... *whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before.*"[7] [emfasi tal-Qorti]

Fir-rigward, il-Qorti tibda biex tosserva illi jekk, kif isostni l-attur, l-istqarrijiet impunjati jwasslu imputazzjoni li bħala saċerdot kif ukoll bħala d-Direttur tad-Direttorat tal-FSWS ġewwa Għawdex responsabbli għall-Child Protection Services, ma ħa l-ebda azzjoni fuq allegazzjonijiet ta' abbuż ta' tfal minuri li jagħmlu użu tas-servizz li tiegħu huwa direttament responsabbli, u li huwa parteċipi f'*cover up* ta' abbuż inkluż abbuż sesswali ta' tfal minuri, din l-imputazzjoni tkun indubbjament waħda li hi kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Jinghad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluz naturalment wahda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik l-istqarrija bhala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

[6] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.

[7] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5. Bħala parti minn dan l-istħarrig:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*" - Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32.

Hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita' illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[8], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[9], huma kkunsidrati bħala diffamatorji.

Applikat dan għall-każ in diżamina, huwa indiskuss li l-attur huwa kjarament u inkonfutabbilment identifikabbli bħala l-persuna li saret referenza għaliha bħala "*the priest*" u "*head of Appogg in Gozo*" fl-istqarrijiet impunjati u kwindi bħala **l-persuna li skont l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut, mhux qed jagħmel xogħolu għaliex injora r-rapporti li qed isirulu dwar tfal li qed jiġu abbużati sesswalment, m'għamel xejn biex jindirizza l-abbuż sistematiku ta' minuri ġewwa Għawdex u qiegħed jgħatti għal ħaddieħor**. Il-Qorti tqis illi dawn l-imputazzjonijiet magħmula mill-konvenut jinftiehmu raġjonevolment mill-qarrej ordinarju dodat b'intelliġenza normali u kif stabbilit huma imputazzjonjiet li huma kapaċi jikkaġunaw ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attur.

Għandu jingħad li l-kariga ta' Direttur ta' entita' li tamministra servizzi f'qasam sensittiv lil persuni vulnerabbli, bħalma huma tfal minuri għaddejjin mit-trawma ta' separazzjoni personali bejn il-ġenituri tagħhom, *multo magis* meta jkun jeżisti sfond ta' abbuż ta' kull xorta li jkun, tesiġi grad sostanzjali ta' kompetenza, serjeta' u kontabbilita'. Għalhekk, kull imputazzjoni li l-attur mexa bi ksur sewwasew tad-doveri u responsabbilitajiet fdati lilu f'din il-kariga, timpinġi direttament fuq il-kompetenza tiegħu fl-istess kariga u tnaqqas mill-kunfidenza u fiduċja fih bħala persuna f'kariga pubblika, kif ukoll tiskreditah. Effettivament, l-imputazzjoni li l-

[8] 6.10 p. 117.

[9] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

attur agixxa biex jiġu misturi rapporti ta' abbuż organizzat ta' tfal minuri, b'mod li jissuġġerixxi *cover-up*, fiha propensita' qawwija li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'għajnejn il-persuni li appuntawh f'din il-kariga, l-addetti tad-Direttorat, il-persuni kollha li jagħmlu użu mis-servizzi li huwa responsabbli minnhom l-istess attur, kif ukoll is-soċjeta` in generali[10], kif ukoll twassal għal certu element ta' stmerrija fil-konfont tiegħu. Il-fatt illi l-imputazzjoni saret f'forma interrogattiva ("*who do you think he is covering*") ma jnaqqas xejn mill-imputazzjoni. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li insinwazzjonijiet li jsiru fil-forma ta' mistoqsija jista' jkunu ferm iktar insidjużi minn stqarrijiet diretti u jistgħu jżidu wkoll l-intensita` tad-*defamatory sting*. Fir-rigward, ġie ritenut:-

"*It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous. Similarly words may be defamatory even though they are used in interrogative form*".[11]

Sinjifikanti wkoll il-fatt li l-konvenut ippubblika l-istess imputazzjonijiet fil-konfront tal-attur, ripetutament fuq medda ta' ftit ġranet biss, tant illi fit-13 ta' Marzu 2020 biss, ippubblika xejn inqas minn tnax-il stqarrija konċernanti l-istess allegazzjonijiet dwar abbuż sesswali ta' minorenni f'Għawdex li qed jiġu injorati mill-attur bħala l-kap tal-Aġenzija Appoġġ ġewwa Għawdex u mill-Pulizija u dan evidentement, biex isawwar b'mod iktar effikaċji in-narrattiva li jrid iwassal lill-qarrej tal-pubblikazzjonijiet tiegħu fuq Twitter.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ngħad, il-konvenut naqas milli jikkontesta formalment din l-azzjoni ta' libell, minkejja li ngħata l-opportunita' li jagħmel dan. Dan ifisser li l-Qorti

---

[10] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[11] Gatley, *supra* : 3.18, p. 126, 127.

m'għandha quddiemha l-ebda eċċezzjoni minn dawk maħsuba fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama biex tilqa' għal din l-azzjoni minkejja, kif stabbilit, li l-imputazzjonijiet għandhom il-propensita' jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Il-Qorti tqis li l-fatt li saru akkużi diretti u speċifiċi fil-konfront tal-attur li ġie imsemmi b'ismu u bir-rwoli differenti li huwa jokkupa, identifikabbli ulterjorment bir-ritratt tiegħu, jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jissostanzja dawn l-imputazzjonijiet billi juri li għandhom bażi fattwali suffiċjenti anke sabiex jikkonvinci lill-Qorti li huwa agixxa in *buona fede* meta ppubblika l-istqarrijiet impunjati. Iżda l-konvenut baqa' ġġustifikax l-imputazzjonijiet li għamel fil-konfront tal-attur permezz tal-pubblikazzjonijiet impunjati, speċifikatament, l-imputazzjoni li l-attur ma għamel xejn meta avviċinah biex jieħu azzjoni biex iwaqqaf l-allegat abbuż u dan biex jaġevola lil ħaddieħor. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova la biex juri li huwa qal il-verita' u lanqas biex ifisser l-għala staqsa għal min l-attur kien qed jgħatti bin-nuqqas tiegħu li jieħu azzjoni dwar il-każ.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti, wara li rat l-atti u semgħet ix-xhieda tal-attur, hi sodisfatta li l-imputazzjonijiet li saru mill-konvenut fil-konfront tal-attur, m'għandhom l-ebda fondament ta' fatt u huwa evidenti anke mit-ton tal-pubblikazzjonijiet, li dawn saru bil-ħsieb li jħammġu r-reputazzjoni tal-attur bl-iktar mod fieragħ u kapriċċuż u biex jiskreditaw u jimminaw l-integrita` tiegħu fil-karigi kollha li huwa jokkupa. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-konvenut ma kienx qed jaġixxi in buona fede meta ppubblika dawn l-allegazzjonijiet.

**Il-Qorti tagħmilha ċar u tirribadixxi, kif diġa' għamlet f'okkażjonijiet oħra, li l-jedd għal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq pjattaforma tal-midja soċjali bħalma huwa Twitter, ta' imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu. Għall-kuntrarju, peress illi l-midja soċjali**

**hija aċċessibbli minn firxa ħafna iktar wiesa' ta' qarrejja[12] milli mezzi tradizzjonali ta' pubblikazzjoni, il-ħsara li tista' tiġi rekata lir-reputazzjoni ta' persuna oħra tista' tkun irreparabbli. Il-korollarju ta' dan hu illi l-obbligu li dak li jkun jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u l-obbligu li l-pubblikatur iwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom huwa iktar oneruż, anke minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tibqa' aċċessibbli indefinittivament.**

Ikkunsidrat;

Illi hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att.

F'dan il-kaz, il-Qorti qieset min-naha wahda, (i) il-fatt illi l-pubblikazzjonijiet impunjati saru fil-konfront ta' sarċerdot b'allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' investigazzjoni ta' allegat abbuż ta' tfal minuri, inkluż abbuż sesswali, għal motivi ulterjuri: allegazzjonijiet li kif rajna, huma akkużi serji iżda bla bażi fattwali u jimminaw mhux biss ir-rwol tal-attur fis-soċjeta' bħala sarċerdot iżda wkoll il-ħidma tiegħu bħala Direttur ta' entita' pubblika; (ii) il-fatt li l-imputazzjonijiet kif ukoll ir-ritratt tal-attur ġew pubblikati b'mod ripetut fuq pjattaforma tal-midja socjali li hi accessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni; (iii) il-fatt li l-imputazzjoni saret in malafede u ma sar l-ebda tentattiv biex din tigi sostanzjata b'xi provi; kif ukoll (iv) il-fatt li l-konvenut ma wera l-ebda disponibbilita` li joffri apoloġija lill-attur u l-fatt li ma ntweriex li dawn il-pubblikazzjonijiet tħassru.

Mill-perspettiva l-oħra ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li ma ġiex ippruvat illi effettivament l-imputazzjonijiet għamlu ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-attur.

---

[12] Kif spjega Dr. Massimo Vella fix-xhieda tiegħu, dan kien post pubbliku li kien aċċessibbli minn persuni li mhux neċessarjament kienu "friends" tal-konvenut iżda minn kulħadd.

Magħdud dan kollu il-Qorti tqis illi ghandha tillikwida s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni morali.

**Għal dawn il-motivi kollha, qiegħda tilqa' t-talba tal-attur Reverendu Monsinjur Dottor Joseph Vella Gauci u filwaqt li tiddikjara li l-pubblikazzjonijiet li saru mill-konvenut, imsemmija fir-Rikors promotur, huma libelluži fil-konfront tiegħu, tikkundanna lill-konvenut PIERRE GAFFIERO iħallsu danni morali għall-malafama fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**